



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2017/2052(INI)**

26.1.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020  
(2017/2052(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anneli Jäätteenmäki

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jistieden lill-Kummissjoni tistruttura l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss b'mod li jirrifletti b'mod ċar il-prijoritajiet tal-UE għas-snin li ġejjin, u li jikkontribwixxi kemm direttament kif ukoll b'mod trasparenti għall-investment fi proġetti b'valur miżjud Ewropew ċar, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u biex issostni u ssaħħa ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u biex ikun żgurat li tista' tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU kif ukoll l-impenji u l-miri interni u esterni tagħha rigward il-bijodiversità;
2. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-ewwel rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Sostenibbli<sup>1</sup>, fosthom dawk li jirrigwardaw il-QFP, u jenfasizza li l-għanijiet tas-sostenibbiltà jridu jkunu sostnuti minn sistema finanzjarja li kapaċi tippromwovi t-tkabbir sostenibbli fit-tul; jistieden ukoll lill-Kummissjoni teżamina u tindirizza dawn ir-rakkomandazzjonijiet għall-QFP li jmiss, inkluża l-ħtieġa li jiġi żviluppat "test tas-sostenibbiltà" għar-regolamenti u l-politiki finanzjarji futuri kollha tal-UE, u biex l-istrumenti finanzjarji jiksbu effetti ta' tmexxija politika akbar;
3. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid l-impatt reali fuq l-istat tal-ambjent tal-miżuri ambjentali u ta' ekoloġizzazzjoni tal-PAK skont il-Fond għall-Iżvilupp Rurali, u tiffinanzjahom abbażi tar-riżultati effettivi tagħhom; jissottolinja l-finanzjament separat tan-natura u l-bijodiversità, u l-ħtieġa ta' finanzjament separat ta' tranżizzjoni għal agrikoltura sostenibbli;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu nota tar-riżultati tar-rieżami ta' nofs it-terminu tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) u, b'mod partikolari, tal-fatt li l-oġettivi tiegħu x'aktarx li ma jintlaħqux sal-2020; jistieden lill-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni r-riżorsi biex dawn l-għanijiet jintlaħqu, kif ukoll riżorsi addizzjonali fil-perspettiva tal-2050, b'attenzjoni speċjali għall-pressjonijiet relatati mal-ambjent;
5. Jinnota li l-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi jissottolinja l-ħtieġa li l-flussi finanzjarji jkunu konsistenti ma' pjan orjentat lejn żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u reżistenti għat-tibdil fil-klima, u li riformi xierqa tal-QFP wara l-2020 huma essenzjali sabiex, sal-2050, tinkiseb newtralità fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karbonju;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-QFP li jmiss ikun konsistenti mal-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti, sabiex tiżdied il-koerenza fin-nefqa tal-UE u biex jittejjeb il-bilanċ bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali;
7. Jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni se jonqos b'konsegwenza ta' Brexit; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi prijoritajiet ċari u stretti peress li se jkun hemm inqas flus

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/170713-sustainable-finance-report\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/170713-sustainable-finance-report_en.pdf)

disponibbli;

8. Jenfasizza li l-QFP li jmiss irid ikun kompatibbli mal-impenji li ttieħdu mill-Unjoni esternament, bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jikkontribwixxi attivament biex dawn jiġu ssodisfati, u jrid ikun kompatibbli wkoll mal-miri fit-tul tagħha stess fil-qasam tal-infiq marbut mal-klima, filwaqt li jikkontribwixxi għal riforma tal-baġit tal-UE bil-għan ta' baġit aktar effikaċi abbażi ta' riżorsi proprji addizzjonali; jemmen li dan jista' jinkiseb biss permezz tal-integrazzjoni bir-reqqa tal-kwistjonijiet klimatiċi tal-infiq tal-UE, fosthom fuq il-mitigazzjoni u l-adattament, u permezz tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tan-nefqa annwalment; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodu ta' kalkolu trasparenti u affidabbli li jista' jipprovdi evidenza tal-impatti mistennija tal-infiq marbut mal-klima, kif ukoll il-ponderazzjoni tagħhom għall-valutazzjoni ex post fl-ambitu tal-obbligi ta' rapportar;
9. Jinnota li approċċ li jirnexxi fuq perjodu medju ta' żmien fil-politika ambjentali jirrikjedi stabbiltà finanzjarja; iqis, f'dan il-kuntest, li tul ta' żmien ta' seba' snin ikun fattibbli anke għall-QFP li jmiss, u jipprovdi flessibbiltà xierqa u l-possibbiltà ta' rieżami ta' nofs it-terminu;
10. Jirrimarka li, sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika dwar il-klima u titjieb is-sitwazzjoni tal-ambjent, diversi politiki jridu jaħdmu flimkien; jitlob li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni f'dan il-kuntest;
11. Jenfasizza li t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju hija l-uniku mod biex jiġu żgurati ambjent ta' għajxien san u l-benessri fit-tul taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-prosperità tal-ekonomija Ewropea; iqis li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem fid-dinja fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u sistema ta' produzzjoni u ta' konsum sostenibbli; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza tal-finanzjament meħtieġ għall-iżvilupp u r-riċerka;
12. Ifakkar li l-QFP li jmiss għandu jgħin lill-Unjoni tilħaq mhux biss l-objettivi ambjentali tagħha u l-objettivi qafas dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, iżda anke l-impenji multilaterali relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-ambjent bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jew il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u, b'mod partikolari, il-Mira ta' Aichi tagħha; jenfasizza li l-UE m'għandhiex tiffinanzja proġetti jew investimenti li jostakolaw dawn l-objettivi, li jagħmluha aktar diffiċli li jiġu implimentati jew li jkunu inkompatibbli mal-ilħuq tagħhom;
13. Jissottolinja li l-UE għandha tappoġġja r-regġuni b'livelli għoljin ta' tniġġis fl-arja sabiex tittejjeb sostanzjalment il-kwalità tal-arja, peress li f'ħafna każijiet il-problemi huma marbuta mal-faqar enerġetiku f'dawk ir-regġuni;
14. Jenfasizza l-importanza li programmi ffinanzjati adegwatament li jissalvagwardjaw il-biodiversità u li jħarsu l-ambjent, bħall-Programm LIFE, jitkomplew u jissaħħew bħala finanzjament awtonomu u miżjud fil-QFP li jmiss; jissottolinja li LIFE huwa l-uniku strument finanzjarju fil-baġit tal-UE ddedikat kompletament għall-ambjent, il-konservazzjoni tan-natura u t-tibdil fil-klima; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrumenti finanzjarji futuri għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u reġjonali jkun fihom

pakketti ddedikati għall-bijodiversità u l-ġestjoni tan-netwerk Natura 2000, li jkunu ġestiti b'mod konġunt mill-awtoritajiet ambjentali nazzjonali u reġjonali;

15. Jenfasizza l-potenzjal li joffru l-infrastruttura ekoloġika u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex jiġu pprovduti servizzi għas-soċjetà b'mod kosteffiċjenti; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawn l-alternattivi ekoloġiċi għall-forniment ta' servizzi fid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-finanzjament rurali u reġjonali, u jitlob li jinħoloq strument dedikat biex jiġi stabbilit in-Netwerk Trans-Ewropew ta' Infrastruttura Ekoloġika (TEN-G) bil-għan li jipprovi benefiċċji għall-bijodiversità;
16. Jenfasizza li d-diversi fondi għandhom ikunu aktar koerenti u jaħdmu flimkien b'mod aktar effikaċi biex jindirizzaw l-isfidi nazzjonali, reġjonali u lokali, bħall-abilitazzjoni ta' tranżizzjoni ġusta tar-reġjuni dipendenti mill-faħam, il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku jew il-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità;
17. Jirrikonoxxi l-valur miżjud Ewropew ta' kollaborazzjoni fil-ġlieda kontra theddid komuni għas-saħħa pubblika; iqis li, abbażi tar-riżultati pożittivi inizjali tal-programm tas-saħħa li għaddej, il-QFP li jmiss għandu jinkludi programm tas-saħħa robust li jittratta kwistjonijiet tas-saħħa fuq bażi transfruntiera u jagħti appoġġ lill-Istati Membri f'forma ta' għarfien espert, skambju ta' data, evidenza u Prattika tajba; jitlob li l-QFP li jmiss jirrifletti, inter alia b'żieda sinifikanti fil-finanzjament għall-programm tas-saħħa, ir-responsabbiltà tal-UE li timplimenta l-SDG 3 dwar is-saħħa pubblika, is-sistemi tas-saħħa u l-problemi tas-saħħa relatati mal-ambjent, u jappoġġja lill-Istati Membri fil-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-saħħa li jikkompromettu l-koeżjoni soċjali u jostakolaw l-integrazzjoni Ewropea;
18. Jirrikonoxxi r-rwol tal-agrikoltura u l-forestrija sostenibbli bħala komponenti essenzjali tal-ħidma tal-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tiġid tas-sostenibbiltà ambjentali; iqis li jeħtieġ li jkun żgurat li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) tkun allinjata mal-għanijiet u l-politiki tal-UE dwar l-ambjent, il-bijodiversità u l-klima; ifakkar li l-QFP li jmiss għandu jorjenta l-PAK wara l-2020 lejn politika tal-biedja ġusta, effikaċi u effiċjenti li l-objettiv ewlieni tagħha jkun il-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni lejn sistema sostenibbli ta' ikel u biedja fl-Ewropa, u jenfasizza li jrid jingħata finanzjament suffiċjenti biex dawn il-miri jintlaħqu; jilqa' l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni ppreżentat fil-komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Novembru 2011 bit-titolu "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" (COM(2017)0713) biex tingħata aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex isibu mezzi xierqa biex jorjentaw is-setturi agrikoli tagħhom lejn l-ilħuq tal-objettivi ambjentali komuni bl-aktar mod effikaċi;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni dwar alternattivi għall-ittejtjar fuq l-annimali, u talloka aktar riżorsi finanzjarji lil proġetti R&Ż imwettqa fl-UE; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jiffinanzjaw l-iżvilupp ta' alternattivi u jaħdmu fi ħdan strutturi internazzjonali biex iħaffu l-validazzjoni u l-aċċettazzjoni ta' metodi alternattivi, u biex jappoġġjaw lil pajjiżi terzi bit-trasferiment tal-għarfien meta x-xjentisti jista' ma jkollhomx għarfien ta' metodi alternattivi, u finanzjarjament meta l-faċilitajiet tal-ittejtjar jista' ma jkollhomx l-infrastruttura meħtieġa;
20. Jenfasizza li l-QFP li jmiss irid jikkunsidra l-isfidi soċjali għall-komunitajiet lokali u reġjonali li għandhom sehem kbir ta' ħaddiema f'setturi li jiddependu mill-karbonju fit-

tranżizzjoni meħtieġa tagħhom għal soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; jitlob li l-fondi u l-programmi tal-UE jkunu ddedikati b'mod koerenti biex jiffaċilitaw tranżizzjoni ġusta f'dawk il-komunitajiet billi jappoġġjaw l-istazzjonar, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inizjattivi ta' tfittix ta' impjeg u n-negozji l-ġodda, fi djalogu mill-qrib mas-sħab soċjali;

21. Jenfasizza l-importanza tat-tiżni u l-armonizzazzjoni tal-politika dwar l-enerġija u l-klima, b'mod partikolari tal-oġettivi kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, li għandhom jiġu appoġġjati minn strumenti eżistenti, i.e. fi ħdan il-politika ta' koeżjoni, u minn strumenti ġodda;
22. Jitlob li l-finanzjament tal-aġenziji tal-UE jikkorrispondi għall-kompiti fdati lilhom;
23. Fir-rigward tal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit strument komprensiv għar-reġjuni u l-pajjiżi dipendenti mill-faħam sabiex tiġi appoġġjata tranżizzjoni tal-enerġija ġusta, b'mod partikolari rigward l-iżvilupp u l-użu ta' sorsi rinnovabbli, il-modernizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u tal-grids, l-adattament bikri għal standards ambjentali futuri, il-proċessi ta' ristrutturar li jikkonċernaw setturi dipendenti mill-karbonju, il-modernizzazzjoni tat-tiżni distrettwali (inkluża l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja), il-ħżin tal-elettriku, is-soluzzjonijiet u l-infrastruttura tal-elettromobbiltà, kif ukoll is-soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika;
24. Ifakkar fl-importanza li jiġi evitat u investigat l-użu ħażin tal-fondi, u fl-importanza ta' politika kontra l-frodi; jenfasizza wkoll l-importanza tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ bikri għall-aktar prodotti perikolużi, li jistgħu jagħmlu l-ħsara lis-saħħa u s-sikurezza taċ-ċittadini kif ukoll lill-ambjent tagħna;
25. Ifakkar li saħħa tajba hija prerekwiżit għall-ilħuq ta' għanijiet oħra stabbiliti mill-UE, u li politiki f'oqsma bħall-agrikoltura, l-ambjent, il-politika soċjali, l-inklużjoni u l-impjiegi għandhom impatt fuq is-saħħa; għaldaqstant, jappella għal tiżni tal-valutazzjoni tal-impatt fuq is-saħħa u għal kooperazzjoni transsettorjali fil-QFP li jmiss;
26. Jenfasizza l-importanza ta' aġenziji deċentralizzati tal-UE fl-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-UE dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent (ECDC, ECHA, EEA, EFSA, EMA); jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantilhom strutturi sostenibbli u sikuri ta' riżorsi fil-QFP li jmiss;
27. Jappella għal żieda tas-sehem, fil-baġit totali tal-UE, allokat għall-miżuri ta' politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut ewlieni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għat-titjib tal-infrastruttura tal-kura tas-saħħa u dik ambjentali u għat-tnaqqis tad-distakki soċjoekonomiċi bejn ir-reġjuni; jenfasizza li l-effikaċja tal-istrumenti finanzjarji ma tiħux post il-ħtieġa assoluta tal-għotjiet f'xi oqsma, b'mod partikolari għal proġetti innovattivi u riskjużi;
28. Jenfasizza li l-infiq tal-UE fuq il-politiki esterni għandu jinżamm f'livell għoli ta' ambizzjoni f'dak li jikkonċerna l-infiq fuq il-klima u l-ambjent;
29. Jitlob li l-proċess leġiżlattiv biex jiġi adottat il-QFP li jmiss jiġi konkluż qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 sabiex ikun hemm żmien biżżejjed għan-negozjar ta' leġiżlazzjoni settorjali tal-UE u biex jiġi evitat dewmien fl-implimentazzjoni ta'

programmi ġodda;

30. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi pprovduta għajnuna finanzjarja tal-UE għad-dekummissjonar nukleari wara l-2020 fil-kontest tal-QFP li jmiss sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-ambjent u s-saħħa pubblika mill-perikli tar-radjazzjoni; jissottolinja n-natura unika tal-proċess kumpless u fit-tul tad-dekummissjonar u r-rimi tal-iskart, li jirrikjedi d-disponibbiltà ta' tagħmir tekniku speċifiku, persunal b'ħiliet għolja u riżorsi finanzjarji adegwati.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 43 -: 3 0: 8
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jäätteenmäki, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Joëlle Mélin, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Gentile, Martin Häusling, Norbert Lins, Nuno Melo, Ulrike Müller, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	France Jamet, Jiří Maštálka



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>43</b>	<b>+</b>
ALDE	Gerben-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries
EFDD	Piernicola Pedicini
GUE/NGL	Stefan Eck, Jiří Maštálka
PPE	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Nuno Melo, Annie Schreijer-Pierik, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Seb Dance, Elena Gentile, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Jo Leinen, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
Verts/ALE	Marco Affronte, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor

<b>3</b>	<b>-</b>
EFDD	Julia Reid
ENF	France Jamet, Joëlle Mélin

<b>8</b>	<b>0</b>
ECR	Mark Demesmaeker, Arne Gericke, Julie Girling, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska
EPP	Renate Sommer

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni